# Sebgħin Sena Ilu Malta Ngħatat il-George Cross

## 15-04-1942 : 15-04-2012

Kitba ta' Joe Chetcuti



Kull meta nara l-bandiera Maltija, imdendla tperper fuq xi bejt tabilħaqq li nħossni kburi li jien Malti, u tfakkarni fil-qlubija li l-antenati tagħna wrew matul it-Tieni Gwerra Dinjija. B'dik il-midalja sabiħa tal-George Cross bix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel li tkompli tagħniha, bla ma nkun irrid ħsiebi jimraħ lejn Ħal Qormi. Naf kemm il-Qriema Ġorġjani jħobbu lil San Ġorġ Martri, il-patrun tal-Belt Pinto. Kull triq li tgħaddi minnha ssib ħwejjeġ b'rabta ma' dan il-Megalomartri. Djar u ħwienet imsemmija għalih. Tilmaħ ukoll fuq il-bjut diversi xbihat ta' kull għamla u qies ta' dan il-qaddis magħruf mad-dinja.

Għadd mhux żgħir ta' wlied din il-belt antika jġibu l-isem tiegħu. Fost dawn ta' min isemmi lill-E.T. l-President ta' Malta Dr. George Abela u l-Isqof Mons. Ġorġ Frendo O.P. li jinsab jaqdi dmiru fl-Albanija, li jaħbat iz-ziju tas-Sur Kenneth Frendo, il-president attwali tal-Banda Anici. Ma ninsewx ukoll lill-mibki l-Avukat George Zammit, kittieb prolifiku ta' diversi kotba, fost nies oħrajn li lkoll jagħmlu ġieħ lill-Art Qormija. Inżid magħhom lill-ewwel qaddis Malti San Ġorġ Preca li għalkemm mhux Qormi żar lil Ħal Qormi bosta drabi u jġib isem il-Patrun ta' Ħal Qormi

F'qasam ieħor dejjem b'rabta ma' dan il-qaddis Martri ta' Lidda, ma tistax tħalli barra l-binja monumentali li hija s-sede tal-Banda Anici fl-inħawi magħrufa ta' ħdejn il-Vitorja. Binja li twaqqgħet u ttellgħet mill-ġdid bi swali sbieħ li huma l-għaxqa ta' kulħadd. Banda li ġġib kunjom il-qaddis u taf il-bidu tagħha f'April 23 tal-1988. Minkejja li relattivament għadha żagħżugħa għamlet passi ta' ġgant 'il quddiem. Banda li kisbet popolarità kbira f'pajjiżna u 'l bogħod minn xtutna. Saret tħabbatha mal-aqwa f'dawn il-gżejjer u twettaq ħwejjeġ mhux żgħar fil-Belt Pinto, bl-attivitajiet ma jaqtgħu xejn.

Wara li qrajt diversi ġurnali lokali, dawk bl-Ingliż u bil-Malti komplejt insegwi tista' tgħid l-istazzjonijiet kollha dwar din l-okkażjoni tal-George Cross, avveniment li jagħmel ġieħ lil Art Twelidna, u twebbilt biex inħażżeż kelmtejn għal din ir-rivista annwali, ktieb tassew imfittex mill-kollezzjonisti madwar Malta. Naħtaf l-opportunità biex nirringrazzja lid-diriġenti ta' din l-Għaqda Soċjo-Mużikali li dejjem jistednuni biex nibgħatilhom kitbieti. Minkejja li ninsab imħabbat għamilt ħilti biex naqsam magħkom dan li qed inwasslilkom illum.

Biex jitfakkar dan l-avveniment memorabbli tas-70 sena mill-għoti tal-midalja tal-George Cross saru ċ-Ċelebrazzjonijiet sbieħ fil-Belt Valletta. Din ingħatat nhar il-15 ta' April, 1942 b'rikonoxximent mir-Re George VI għall-qlubija li wrew il-Maltin matul it-tieni Gwerra Dinjija. Għal din l-okkażjoni, din is-sena ntbagħat fostna d-Duka ta' Gloucester bħala rappreżentant tar-Reġina Eliżabetta II. Fost dawk li attendew kien hemm Dr. George Abela, il-President ta' Malta, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi u l-Kummissarju Għoli Ingliż mill-ambaxxata Ingliża ma' rappreżentanti ta' mbaxxati oħrajn. Kien hemm ukoll madwar 350 persuna minn assoċjazzjonijiet tal-veterani tal-gwerra, kemm Maltin u minn pajjiżi oħra tal-*Commonwealth*.

Matul il-gwerra msemmija, il-gżejjer Maltin ġarrbu dak kollu li taf tagħti gwerra qalila. Ħafna huma tal-fehma li April tal-1942 kien l-agħar xahar li fih, fuq Malta niżlet xita ta' bombi. F'dan ix-xahar biss, li fih jitfakkar ukoll Jum San Ġorġ Martri, twaddbu bombi fuq il-gżejjer tagħna aktar milli nxteħtu fuq ir-Renju Unit kollu matul il-Battalja tal-Brittanja. Dan l-avveniment kien seħħ bejn ix-xhur ta' Lulju u Ottubru tas-sena 1940.

Fuq gżiritna twaddbu mhux inqas minn 1,728 tunnellata ta' bombi. Inqerdu qrib is- sitt elef dar u għadd ta' binjiet importanti. Madwar 300 ruħ, fosthom 70 tifel u tifla mietu u ftit aktar minn 300 oħra ndarbu serjament. L-inħawi fejn jinġabru l-ajruplani u l-portijiet Maltin, l-aktar it-Tarzna, intlaqtu ħażin ħafna. Il-Belt Valletta wkoll ġarrbet ħsarat kbar. Bosta min-nies li kienu jgħixu fil-Kottonera u Ħal Luqa, postijiet li kienu milquta bil-kbir marru jfittxu kenn f'irħula aktar imbiegħda biex jeħilsu minn dawn l-attakki feroċi. Biex insaħħaħ dak li qed ngħid, niftakar kelli bosta ħbieb li oriġinaw minn dawn l-irħula li baqgħu jgħixu f'Ħal Qormi sakemm mietu.

F'April tas-sena 1942 kellna b'kollox 282 '*Air raid*'. F'sitt iljieli biss ma kienx hemm minn dawn is-sejħiet. Il-munizzjon kien wasal biex jintemm. L-imħażen kollha tal-ikel tbattlu u l-ġuħ beda jerfa' rasu sew. Il-magni tad-dqiq intlaqtu, u ntmesset ukoll il-*power-station*. Ħtija t'hekk, kemm-il darba twaqqfet milli taħdem. Malta kienet se ċċedi l-aħħar.

Wasal l-Erbgħa, 15 ta' April, 1942. Sebaħ jum imsaħħab mingħajr xita u b'riħ xi ftit qawwi. Il-Maltin, bħal f'kull jum ieħor stennew xi twissijiet minn tas-soltu ta' dawn l-attakki mill-ajru. Dejjem ittamaw fil-ħniena t'Alla li jaraw fil-Port il-Kbir il-wasla ta' xi *convoy* bl-ikel u l-bżonnijiet kollha. Minn Ġibiltà jew Lixandra kienu ntbagħtu diversi minn dawn il-vapuri imma kollha spiċċaw inqerdu mill-għadu qabel laħqu xtutna.

F'Londra, dakinhar stess ir-Re George VI, kien qed jiżen u jirrifletti dwar dak kollu li kien qed jiġri fil-Mediterran kaġun tal-gwerra. Ħass li kellu jrodd ħajr b'xi mod lill-poplu f'dawn il-gżejjer li kien qed ibati fi gwerra li ma kellu x'jaqsam xejn fiha. Qabad karta bl-emblema ta' Buckingham Palace u kiteb messaġġ ta' ġieħ lil niesna qalbiena li daħlu wkoll fl-istorja tad-dinja. Huwa onora lil missirijietna għall-qlubija u l-kuraġġ bil-midalja tal-George Cross, bix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel, unur tassew kbir li llum jinsab ukoll iżejjen il-Bandiera Maltija. X'ma jifirħux il-Ġorġjani, li l-patrun tagħhom sab postu wkoll fix-xena ta' pajjiżna, b'rabta sħiħa mal-istorja glorjuża ta' dawn il-gżejjer li xterdet mal-erbat irjieħ tad-dinja!

Għad li dan il-ġieħ ħareġ uffiċjalment fil-15 ta' April 1942, il-Gvernatur Lord Gord ippreżenta dan l-unur nhar it-13 ta' Settembru 1942 lill-Prim Imħallef Sir George Borg, f'isem il-Poplu Malti, f'Misraħ il-Palazz, illum Pjazza San Ġorġ.

Minn qalbi nixtieq il-festa t-tajba lill-Qriema Ġorġjani kollha flimkien ma' dawk li jiġi f'idejhom dan il-ktieb. Inselli għall-imsieħba Stillieri ta' kull età u nħeġġiġhom ikomplu jaħdmu u jkunu ta' ġieħ kemm għal San Ġorġ Martri li jissejħu wliedu, kif ukoll għal din is-soċjetà li tħaddanhom.

Ref. STOM 15.04.2012. 'George Cross awarded to Malta 70 years ago today'. C. Bonavia